# L-ISKULTUR MARIANO GERADA

(1766 - 1823)

*min-Nutar Eugene F. Montanaro, LL.D*

BIEX WIEĦED ikun jista' jifhem u japprezza skultur u l-isforzi li jkun għamel f'ħajtu hemm bżonn li jkun jaf qabel xejn xi ħaġa dwar il-bijografija tiegħu. Fuq kollox, artist igħix biss skond kemm jinkiteb xjentifikament fuqu. Sfortunatament, ħadd qatt ma wasslilna tagħrif dokumentat dwar il-ħajja ta' Gerada. F'din il-kitba sejrin nagħmlu xi żjidiet ma' dak li konna ktibna fis-*Sunday Times*, fil-ħarġa tal-25 ta' Awissu 1985, taħt it-titlu *Mariano Gerada - The People's Sculptor.*

Il-ġrajjiet ewlenin fil-ħajja ta' Mariano Gerada nsibuhom dokumentati b'mod l-aktar xott fir-reġistri tal-Parroċċi ta' Ħal-Tarxien u ta' Bormla. Iżda d-dettalji li nsibu f'dawn ir-reġistri huma msaħħin u kkonfermati f'sensiela ta' kuntratti nutarili li sejrin nsemmu f'dan l-artiklu.

## TWELID F'ĦAL TARXIEN

Mariano Gerada twieled Ħal Tarxien fis-7 ta' Mejju 1766, u ġie mgħammed fl-istess jum ta' twelidu mill-Vigarju Kurat Dun Salvatore Cachia. Fil-fonti tawh l-ismijiet ta' *Marius, Michael, Angelus*; il-parriniet tiegħu kienu Andrea Montibello u Casarina Bianchi.[1]

Il-ġenituri ta' Mariano kienu Antonio Gerada u Teresa *nee* Mifsud, li kienu żżewġu fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal-Tarxien fil-5 ta' Lulju tal-1760.[2] X'aktarx li Mariano ġie msemmi b'rispett għal missier ommu, Marius Mifsud.[3]

Iċ-ċensiment, jew aħjar *Status Animarum*, li sar fil-Parroċċa ta' Ħal-Tarxien fis-sena 1781, jurina li Mariano Gerada kellu ħuh akbar minnu jismu Giuseppe, u żewġ ħutu subien iżgħar minnu jisimhom Giovanni u Salvatore,[4] mkien ma jidher li Mariano kellu wkoll ħutu bniet. Nafu wkoll li ħuh Giovanni ġie ordnat saċerdot, u wettaq il-ħidma pastorali tiegħu fi Spanja, fejn miet fl-1827.

Ta' tlettax-il sena, Mariano tilef 'il ommu,[5] u missieru reġa' żżewweġ lil Victoria Balzan, fil-Parroċċa ta' Ħal-Tarxien, fit-22 ta' Lulju 1785.[6]

F'sensiela ta' ċensimenti (*Status Animarum*) li saru fil-Parroċċa ta' Ħal-Tarxien bejn l-1776 u l-1794, l-iskultur li hu s-soġġett ta' din il-kitba nsibuh mniżżel bl-isem ta' *Mariozzo Girada.* [7] Tabilħaqq, fir-reġistri ta' Ħal-Tarxien, il-kunjom tal-familja ta' Mariano x'aktarx li dejjem nsibuh mniżżel *GIRADA.* Meta kiber, l-iskultur għażel li jiffirma *MARIANO GIRADA*; iżda fuq kuntratt tas-26 ta' Ġunju 1803, hu iffirma bl-isem ta' *MARUZZO GIRADA.*[8] Jeħtieġ jingħad li Mariano Gerada ma kienx bniedem ta' skola kbira, iżda kien jinqeda jikteb u jaqra bl-ilsien Taljan.

1 Arkivju Parrokkjali Tarxien, *Bapt., 1764-1868,* f. 5r. Għalhekk l-istoriċi li kitbu li Mariano Gerada twieled Bormla fl-1770, ma kienux eżatti.
2 APT, *Conj.*, V, f.7v.
3 In-nanniet materni ta' Mariano Gerada kienu Marius Mifsud u Clara Montibello - Ara APT, *Conj.*, V, f.7v.
4 Arkivju Arċiveskovili Furjana, *Status Animarum Casal Tarxien* 1781, f.9r.
5 Teresa Gerada, omm Mariano, mietet fit-12 ta' Mejju 1780; ara APT *Def.*, IV, 12 ta' Mejju 1780, p.n.n.
6 APT, *Conj.*, V, f.67v.
7 Ara Kurja tal-Arċisqof, Mdina, (CEM), *Status Animarum Tarxien,* Vol. 16, 17, 19, 20, 23, 12, 26, 27. Fl-*Status Animarum Tarxien* tas-sena 1783, nsibu mniżżel li Mariano Gerada u ħutu saru *"orfani di madre".*
8 Notarial Archives, Valletta, 819/4, 26/6/1803, f.425v. Dan il-kuntratt sar quddiem in-Nutar Pietro Paolo Farrugia, u bih Mariano Gerada ntrabat li jaħdem il-vara ta' Santa Katerina għall-Parroċċa taż-Żurrieq.

*It-twelid ta' Mariano Gerada kif reġistrat fil-Parroċċa ta' Ħal-Tarxien.*


5
Die 7. Maij 1766.
Marius Michael Angelus
Ego Salvator Cachia Vicarius baptizavi infantem hodie natum ex Antonio Girada, et Theresia iug: cui impositum fuit nomen Marius, Michael, Angelus (habita [illegible] forma ex [illegible]) Patrini fuere Andreas Montibello, et Casarina Bianchi uxor q[illegible] Angeli ambo de hac Parrochia.

## SAFAR FI SPANJA

Ma nafux x'kienet is-sengħa jew il-professjoni ta' missier Mariano Gerada. Ninnotaw biss li fl-*Status Animarum* ta' Ħal-Tarxien għas-snin 1776-1794, il-kelma *absens* spiss tidher ħdejn ismu. Fl-istess ċensimenti, il-kelma *absens* tidher ukoll ħdejn isem ibnu, Mariozzo Girada, sewwasew mis-sena 1783 sal-1794.[9] Dan aktarx iffisser li fl-istess perjodu ta' żmien, Mariano Gerada kien igħix barra minn Malta; fi kliem ieħor, Mariano Gerada telaq minn Malta meta kellu madwar 17-il sena u baqa' msiefer sakemm għalaq mill-anqas 29 sena. Imbagħad, mir-reġistri tal-Parroċċa ta' Bormla sirna nafu li t-tliet ħutu, Giuseppe, is-saċerdot Don Giovanni, u Salvatore, ilkoll mietu fi Spanja. Fil-każ ta' Giuseppe u Don Giovanni, ir-reġistri jgħidu biss li mietu *"in Hispania"*,[10] filwaqt li fil-kaz ta' Salvatore, il-*Liber Defunctorum* ta' Bormla jgħid li hu miet ġewwa *"Murcia, in Hispania"*.[11] Nżidu wkoll li Mariano Gerada nnifsu, fit-Testment li għamel fl-1823, fakkar lil Esekutur Testamentarju tiegħu, li ż-żewġ ħutu, is-saċerdot Don Giovanni u Salvatore, kienu msiefrin *'e conviventi nella Spagna'*.[12]

Dan kollu juri biċ-ċar li bosta membri tal-familja Gerada kellhom rabtiet ma' Spanja. Tgħid riedu jsiefru biex jikkumerċjaw? Tgħid kienu baħħara jew impjegati ta' xi negozjant tal-qotton?[13] Id-dokumenti ma jagħtu l-ebda tweġiba diretta għal dawn il-mistoqsijiet. Imma f'dan il-kuntest ma rridux ninsew li kemm il-Kanonku Fortunato Panzavecchia, kif ukoll l-istoriku popolari Pietru Pawl Castagna, kitbu b'enfasi kbira dwar il-fatt li Mariano Gerada tgħallem is-sengħa ta' l-iskultura fi Spanja. Dwar il-formazzjoni artistika ta' Mariano Gerada sejrin nitkellmu aktar 'il quddiem. Iżda seta' kien il-każ li Mariano Gerada għażel li jitgħallem l-iskultura ġewwa Spanja, u mhux band'oħra, minħabba l-fatt li ħutu diġa' kellhom egħruq sħaħ f'dak il-pajjiż.

## RESIDENZA U ĦIDMA F'BORMLA

Fl-1 ta' Lulju tal-1796, Mariano Gerada kien il-parrinu fil-magħmudija tan-neputi tiegħu, Francesco Gerada, iben ħuh Giuseppe. Din il-magħmudija tinsab dokumentata fir-reġistru tal-Parroċċa ta' Bormla, fejn naqraw li f'dik is-sena, jiġifieri fl-1796, Mariano Gerada kien għadu abitant ta' Ħal-Tarxien.[14] Milli jidher, għalhekk, meta ġie lura mis-safar, Mariano Gerada waqqaf ir-residenza tiegħu għal żmien qasir f'Ħal-Tarxien, raħal twelidu.

Madankollu, mid-dokumenti li għandna f'idejna, nafu tajjeb li mis-sena 1803 'il quddiem, Mariano Gerada għix u ħadem ta' skultur ġewwa Bormla. Fuq kollox, imbagħad, fit-Testment li għamel fl-1823, jingħad ċar u tond li l-iskultur Mariano Gerada kien *'nativo di Casal Tarxien, abitante da gran tempo in questa Città Cospicua'*.

Għidna wkoll li Mariano Gerada kellu tliet ħutu li mietu fi Spanja. Il-mewt ta' dawn l-aħwa Gerada ġiet mfakkra fil-Parroċċa ta' Bormla, fejn indaqqu l-qniepen bil-mota tal-mejtin u sar talb b'sufraġju għar-ruħhom. Tabilħaqq, kull darba li Mariano Gerada tilef xi wieħed minn dawn ħutu ġewwa Spanja, it-tifkira ta' mewthom fir-reġistri ta' l-Imwiet ta' Bormla, iġġib dawn il-kliem: *'pro cuius anima pulsatæ sunt campanæ et facta suffragia in hac Ins. Coll. et Par. Ecc.'*.[15] U jidher ċar li dan kollu kien isir f'Bormla, u mhux f'xi parroċċa oħra ta' Malta, għaliex il-qraba ta' l-aħwa Gerada kienu jgħixu f'Bormla.

## IT-TESTMENT TA' MARIANO GERADA

L-aqwa għajn ta' informazzjoni dwar l-aħħar snin tal-ħajja u tal-qagħda familjari ta' Mariano Gerada hu, bla dubju ta' xejn, it-Testment tiegħu, magħmul fl-atti tan-Nutar Giovanni Saverio Randon.[16]

It-Testment sar fid-dar tal-abitazzjoni ta' Mariano Gerada nnifsu, f'Bormla, fil-15 ta' Jannar tal-1823, sewwasew tmient ijiem qabel mewtu.[17] Mariano Gerada kien b'moħħu f'siktu u seta' jagħraf sew dak li kien qed isir madwaru, iżda ma setax iqum mis-sodda għaliex kien qed ibati minn marda li dgħajfitlu ġismu (*'indisposto di corpo e giacente al letto'*). U meta nqabblu l-firma ta' Mariano Gerada fuq dan it-Testment ma' firem oħra tal-iskultur fuq il-kuntratti tiegħu ta' l-imgħoddi, malajr nintebħu li issa hu bilkemm kellu forza jiffirma ismu!

It-Testment fih innifsu hu l-akbar prova li Mariano Gerada miet ġuvni. Tabilħaqq, l-iskultur innomina bħala eredi universali tiegħu ż-żewġ ħutu Salvatore Gerada u s-saċerdot Don Giovanni Gerada, flimkien mat-tliett itfal ta' ħuh il-mejjet Giuseppe, jiġifieri, Antonio, Rosario u Maria miżżewġa Scicluna.

Mariano Gerada ma mietx għani. Billi kien ġuvni, fl-aħħar marda tiegħu kellu bilfors idur għall-għajnuna u l-assitenza tan-neputi tiegħu Antonio Gerada, kif ukoll ta' ċerta Benvenuta Camilleri. Fit-Testment tiegħu, l-iskultur ried iħallilhom kumpens xieraq għas-serviġi li kienu għamlu miegħu. Għaldaqstant, lil Antonio Gerada ħallielu bi prelegat il-flus kontanti li kellu, flimkien ma' l-għamara u ġojjelli tiegħu. Imbagħad ordna lill-istess neputi tiegħu Antonio, sabiex mill-ewwel dħul ta' flus dovuti lilu għax-xogħlijiet ta' skultura li kien ġà wettaq, iħalli kumpens ta' 100 skud lil Benvenuta Camilleri, talli daret

---

9 CEM, *Status Animarum Tarxien,* Vol. 17, 19, 20, 23, 12, 26, 27.
10 Ara Arkivju Parrokkjali Bormla, *Def.*, IX, f.120r; u *Def.*, IX, f.406v.
11 APB, *Def.*, X, f.30r.
12 NAV, 1032/7, 15/1/1823, f.18v.
13 Dwar negozjanti Maltin tal-qotton u tal-*quincalla* fi Spanja, ara Antonio Farrugia, *Maltese Settlers in Spain* f'*The Times* (Malta), 3/4/1986, p.4. Ara wkoll Carmel Vassallo, *The Maltese in 18th Century Cadiz* f'*The Sunday Times* (Malta), 5/10/1986, pp.14-15.
14 APB, *Bapt.*, X, f.210r. F'din il-Magħmudija, kienet ukoll parrina Victoria Gerada, it-tieni mara ta' missier Mariano Gerada.
15 APB, *Def.*, IX, f.120r; f.406v; *Def.*, X, f.30r.
16 NAV, 1032/7, 15/1/1823, f.17r-20r.
17 *Ibid.* Tabilħaqq, it-Testment ta' Mariano Gerada sar "*in questa Città Cospicua, e nella casa di abitazione del suddetto Signor Testatore* ( Mariano Gerada)"




*Il-mewt ta' Mariano Gerada kif reġistrata fil-Parroċċa ta' Bormla.*

bih fl-aħħar marda tiegħu. U fil-fatt, Antonio Gerada ħallas dan il-legat ta' 100 skud lill Benvenuta Camilleri permezz ta' kuntratt quddiem in-Nutar Giovanni Saverio Randon fil-21 ta' Marzu 1824.

Spiss naqraw dwar piki u għira fost l-artisti ta' l-imgħoddi. Imma wieħed mix-xhieda fuq it-Testment ta' Mariano Gerada, kien l-iskultur Francesco Fabri, bin il-mejjet Giovanni, li kien igħix il-Birgu. X'aktarx li l-iskultur Fabri kien ħabib sew ta' Gerada, jew għall-inqas ħassu fid-dmir li jmur fid-dar tal-marid Gerada sabiex jidher bħala xhud fuq it-Testment tiegħu!

## MEWT MINGĦAJR TIFKIRA XIERQA

L-iskutur Mariano Gerada miet f'daru ġewwa Bormla, fl-24 ta' Jannar 1823. Ir-reġistru tal-Parroċċa jgħid biss li kellu madwar 53 sena, u li ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla.[18] Imma mbagħad l-ebda ġebla jew skrizzjoni f'dik il-Knisja ma tfakkar il-post tal-qabar tiegħu! Fil-fatt nafu li Gerada miet fl-età ta' 57 sena. Kollox juri li l-kawża tal-mewt bikrija tiegħu, kienet dik il-marda qalila li, skond kif jixhed l-istess Testment tiegħu, ipparalizzatu f'qiegħ ta' sodda. Min-naħa l-oħra, it-Testment isemmi biss il-*'malattia'* li kienet qed teqirdu, iżda ma jgħid xejn dwar in-natura ta' din il-marda.

Fuq fomm il-poplu, il-laqam ta' Gerada (*Il-Marjani*) ha sura ta' leġġenda ċkejkna, u dana x'aktarx għaliex il-vari li ħadem għandhom xeħta popolari diretta li malajr tingħoġob. Milli jidher, il-fama popolari tiegħu kienet ukoll marbuta mal-fatt li hu kien tgħallem is-sengħa tiegħu ġewwa Spanja. Din il-fama tiegħu nsibuha dokumentata sa mill-1843 f'pronostku ta' dawn il-gżejjer, sewwasew fl-*ALMANACCO DI MALTA PER L'ANNO 1843.* F'dan il-pronostku, ismu jinsab mfakkar flimkiem ma' bosta *'Uomini Distini Maltesi'*, u dwaru nkiteb hekk: *'Mariano Gerada, scultore della scuola spagnola, morto a Malta nel 1823.*[19]

## MARIANO GERADA BĦALA SKULTUR

Fil-ħidma tiegħu ta' skultur, Mariano Gerada għamel użu minn żewġ *media* differenti: il-ġebla Maltija u l-injam. Imma hu baqa' magħruf l-aktar għal dawk il-vari tal-purċissjonijiet li naqqax b'sengħa kbira fl-injam.

Il-mibki Chev. Vincenzo Bonello jfakkarna li bosta minn dawn il-vari ta' pajjiżna, huma ta' ċertu livell artistiku, u jagħmel enfasi fuq il-fatt li meta l-awtur ta' xi vara ma jkunx magħruf, bosta jkunu dawk li dlonk jabżu jgħid li l-awtur tagħha, hu Gerada: *'Very few of the fine portable statues belonging to our Churches, have a positive pedigree...usually they are distributed between the two best known Maltese sculptors: Melchiorre Gafà and Mariano Gerada'.*[20] Ta' min għid ukoll li l-fama ta' Mariano Gerada xterdet l-ewwel fost il-poplu. L-istoriċi tagħna, fosthom Fortunato Panzavecchia, bdew juru interess fih madwar għaxar snin wara mewtu!

## TAĦRIĠ TA' SKULTUR

L-akbar problema fil-bijografija ta' Mariano Gerada tirrigwarda l-formazzjoni artistika tiegħu. Il-Kononku Fortunato Panzavecchia kiteb li Gerada kien alliev fl-iskola tal-iskultura ta' Valencia, fi Spanja, u li l-imgħallem tiegħu kien ċertu Jose Steval, li hu l-awtur tal-istatwa tal-Kunċizzjoni meqjuma fil-Knisja ta' San Filippu ta' l-Isla.[21] L-immaġinazzjoni patrijottika ta' Panzavecchia, wasslitu biex igħid ukoll li *'Mariano non ha avuto mai nell'accademia un premio generale forse perchè non era nazionale'.*[22]

Min-naħa tiegħu, l-istoriku Pietru Pawl Castagna jgħarrafna li Gerada tabilħaqq studja l-iskultura ġewwa Valencia, iżda mbagħad igħid li hu kien alliev ta' Caveglio, u li għal xi żmien kien ukoll skultur tar-Re ta' Spanja.[23] Matul dan is-seklu, l-Avukat Edward Sammut, fil-ktieb tiegħu *Art in Malta*, kiteb hekk dwar l-ewwel snin ta' Gerada bħala skultura: *'Mariano Gerada worked for a short time in Spain and had several followers'.*[24]

18 APB, *Def.*, IX, f.351r.
19 Ara *Almanacco Di Malta Per L'Anno 1843, Tipografia Anglo-Maltese*, p. LXVII.
20 Chev. Vincenzo Bonello, *Sacred Art in Malta,* 1960, p.109.
21 ACM, Pan. 79, *Dizionario Enciclopedico,* f.161r. Skond Achille Ferres, imbgħad, din l-istatwa tal-Kunċizzjoni meqjuma fil-Knisja ta' S. Filippu ta' l-Isla, *"fu portata da Spagna dal Sig. Giuseppe Fenech"* - ara *Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo*, p.261.
22 ACM, *Pan.79,* f.161r.
23 P.P. Castagna, *Lis Storia Ta Malta*, led., III, 1865, p.107.
24 Ara Dr. Edward Sammut, *Art in Malta,* 1953, p.84.

Ħadd qatt ma ċaħad li Mariano Gerada tabilħaqq tgħallem is-sengħa ta' l-iskultura fi Spanja. Iżda mbagħad ma għandna l-ebda dokument f'idejna li jista' jikkonferma taħt liema skultur Spanjol, Mariano Gerada seta' tħarreġ fis-sengħa tiegħu. Dwar din il-ħaġa, aħjar inħallu bieb miftuħ għall-verità sħiħa li tista' tiċċara 'il quddiem.

## IL-VARA TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA (c. 1797)

Bir-raġun kollu, isem Mariano Gerada baqa' marbut mal-vara titulari tal-Madonna tal-Grazzja, meqjuma fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar. Milli jidher, Gerada ħadem fuq din ix-xbieha maestuża tal-Madonna, matul l-aħħar snin tas-Seklu Tmintax, u għalhekk x'aktarx li din il-vara hi l-ewwel xogħol importanti tiegħu fl-injam, wara li ġie lura Malta minn Spanja.[25]

Aħna ma rnexxilniex nsibu l-kuntratt oriġinali li bih ġiet ordnata din il-vara mingħand Mariano Gerada. U skond Dun Ġużepp Zarb, il-mibki Kappillan ta' Ħaż-Żabbar, il-kotba tal-kontijiet ma jagħtu l-ebda ħjiel li l-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar qatt ħallset lil Gerada l-ispiża tal-vara meta din iżżanżnet l-ewwel darba.[26] Dan jista' jfisser li l-ispiża tal-vara tħallset minn benefattur privat, *ex voto*.

Ħadd ma jista' jiċħad li l-bidu tal-kummissjoni ta' din il-vara, kif ukoll l-ispiża orġinali tagħha, għandhom daqxejn waħda fid-dlam. Iżda mbagħad, l-istess Kappillan Zarb, kien kiteb hekk dwar il-vara tal-Madonna tal-Grazzja: *'L-ewwel riferenza fil-kotba ta' l-amminstrazzjoni tinsab fl-1802, meta tħallsu 5 scudi lil Mariano Gerada għal xogħol ta' skultura biex irrestawraha, u 7 scudi lil Giuseppe Barbara għal ritokki fil-vara u fit-tużell'.*[27] *'Dak iż-zmien'* ikompli jgħarrafna l-Kapillan Zarb, *'kif jirriżulta mill-istess kotba tal-ammistrazzjoni, kienu qiegħdin isiru ħafna xogħlijiet ta' restawr minħabba fil-ħsarat ikkaġunati fil-kors tal-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi....il-lampier ta' quddiem l-Altar maġġur tkisser u t-tużell u l-vara ġew milqutin u ġarrbu wkoll xi ftit ħsarat...'*[28] Hawnhekk għandna xhieda ċara u dokumentata li l-id ta' Mariano Gerada tat kontribut siewi għat-twettieq tad-dehra ġenerali tal-vara tal-Madonna tal-Grazzja kif nafuha llum.

Imbagħad, għandna naħsbu li Gerada ma kienx se jiġi mqabbad jirrestawra din il-vara fl-1802, jekk ma kienx hu nnifsu li kien għadu kif lestiha xi ftit tas-snin biss qabel ma ġarrbet il-ħsarat li semma' il-Kappillan Zarb. Għaliex wara kollox, jekk din il-vara kien għadu kif ħadimha xi skultur ieħor, li kien għad jgħix fl-1802, żgur li r-restawr tagħha kien jingħata lilu u mhux lil Gerada! U tabilħaqq mill-kitba tal-Kappillan Zarb joħroġ il-fatt li din il-vara kienet għadha kif iżżanżnet, għaliex hu nnifsu kiteb li ftit tas-snin biss qabel l-1802, tissemma' fil-kotba tal-Parroċċa vara oħra *'li kellha libsa tal-lama u wiccha u jdejha biss tal-kartapesta'.*[29] Fl-aħħarnett ta' min jinnota li l-istoriku Castagna, fit-tieni edizzjoni tal-ktieb tiegħu *Lis-StoriaTa Malta*, għid ċar u tond li l-vara tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar, ħadimha Mariano Gerada.[30]



*Id-data 1825 taħt is-sandla tal-lemin tal-vara*

Xieraq jingħad ukoll li taħt is-sandli tal-lemin tal-vara tal-Madonna tal-Grazzja, hemm mnaqqxa d-data *1825*. Kif kiteb tajjeb il-Kappillan Zarb, din id-data tfakkar biss il-ġrajja ta' meta l-vara ġiet indurata mill-iskultur Pietro Paolo Azzopardi ġewwa Bormla, fis-sena 1825. Tabilħaqq, il-ħlas li sar lill-iskultur Azzopardi għall-induratura tal-vara, jinsab dokumentat fil-ktieb tal-amministrazzjoni tas-sena 1825, sewwasew f'paġna 291.[31] Hawnhekk ta' min igħid li dak iż-żmien kienet ħaġa normali li l-induratura ta' xi vara tiġi fdata f'idejn skultur magħruf. Bħala eżempju, ngħidu biss li fuq kuntratt li sar

---

25 Milli jidher, il-vara tal-profeta Sant'Elija meqjuma fil-Parroċċa tax-Xewkija, Għawdex, għanda tingħad ukoll ma' l-ewwel xogħolijiet importanti ta' Mariano Gerada, wara li l-iskultur ġie lura Malta minn Spanja - ara wkoll Nota 50 hawn taħt.

26 Saċerdot Giuseppe Zarb, *Il-vara U Mariano Gerada* fil-ktieb *Għoxrin Sena llu*, Veritas Press, Malta, 1971, p.15-16.

27 *Ibid.* Dwar il-vara tal-Madonna tal-Grazzja, ara wkoll Karm Bonavia, *L-Istatwa tal-Madonna Tal-Grazzja* fil-*Leħen is-Santwarju, Żabbar*, Nru 5, Sett. - Nov., 1980, pp.2-3.

28 *Ibid.* Aħna għażilna li nfakkru din is-silta mill-kitba tal-Kappillan Zarb għaliex il-kotba tal-amministrazzjoni li hu jikkwota, illum jinsabu mwarrba jew għall-anqas merfugħin f'post fejn ma stajniex nikkonsultawhom.

29 *Ibid.*

30. P.P. Castagna, *Lis Storia Ta Malta*, 2ed., III, 1890, p.204. Hawnhekk, Castagna jgħid li l-vara tal-Madonna tal-Grazzja ħadimha Mariano Gerada fis-sena 1799. Imma aħna nafu li d-data li jagħti Castagna mhux eżatta, għaliex hu fatt dokumentat li l-vara kienet ġà lesta fl-1798, meta ġarrbet ħsarat waqt l-attakk tal-Franċiżi fuq Ħaż-Żabbar.

31 Ara Saċerdot Giuseppe Zarb, *op. cit.*, p. 16.

quddiem in-Nutar Giuseppe Natale Monreal, fil-25 ta' Mejju 1792, l-iskultur Vincenzo Dimech kien ntrabat li jagħmel xogħol ta' induratura fuq il-vara tal-Madonna tar-Rużarju, meqjuma fil-Parroċċa ta' Sannat, Għawdex.

L-iskultur Pietro Paolo Azzopardi twieled il-Belt Valleta fl-20 ta' April 1791.[32] Meta kien għadu tifel, Azzopardi mar igħix Bormla, flimkien mal-ġenituri tiegħu, u skond kif jgħarrafna Castagna, kien alliev ta' Mariano Gerada. Fost xogħlijiet oħra, P.P. Azzopardi ħadem fl-injam il-vara titulari ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex (1839), u dik ta' San Ġwann Battista tax-Xewkija, Għawdex (1845). Azzopardi kien skultur ta' ċerta ħila, imma hu ma kienx l-awtur tal-vara tal-Madonna tal-Grazzja, kif ħasbu xi kittieba ta' l-imgħoddi. Tabilħaqq, meta Mariano Gerada irrestawra din il-vara fis-sena 1802, l-iskultur P.P. Azzopardi kellu biss madwar ħdax-il sena. Min-naħa l-oħra, hu fatt dokumentat li P.P. Azzopardi, kien l-iskultur li ġie inkarigat bix-xogħol tal-induratura tal-vara tal-Madonna tal-Grazzja fis-sena 1825.

## L-ISTATWA FI TRIQ IS-SANTWARJU (c. 1801)

Mingħajr ebda dubju, ix-xbiha imprezzabbli tal-Madonna tal-Grazzja fi Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar, hi waħda mill-isbaħ statwi stradali li jżejjnu l-gżejjer Maltin. Din l-istatwa tixbaħ ħafna 'l vara tal-purċissjoni, iżda mbagħad fiha jispikkaw dawk ix-xejriet inimitabbli li x'aktarx niltaqgħu magħhom f'xogħlijiet skultorji Maltin, u dana minħabba l-fatt li din ix-xbieha ġiet imnaqqxa b'ħila kbira fil-ġebla Malitja.

L-istoiku Castagna jgħarrafna li l-awtur ta' din l-istatwa hu Mariano Gerada.[33] Achille Ferres ukoll igħid li din l-istatwa ħadimha Mariano Gerada, u għaliha ma għandhux ħlief tifħir: *'A poco distanza della Chiesa, e precisamente alla cantonata della strada principale che conduce alla medesima, giace una statua della B.V. col bambino, opera classica in pietra nostrale del celebre Mariano Gerada'.*[34]

L-iskrizzjoni fuq il-pedistall tal-ġebel, tgħarrafna li l-ispejjeż ta' din l-istatwa fi Triq is-Santwarju, ħallashom ċertu Victor Caruana, b'radd ta' ħajr għall-grazzja li qala' bl-interċessjoni tal-Madonna. Imbagħad, mill-kitba ta' Karm Bonavia sirna nafu li fil-fatt Victor Caruana kien ħallas din l-istatwa f'radd ta' ħajr għall-ħelsien fit-taqbida kontra l-Franċiżi li saret sewwa sew fi Triq is-Santwarju nhar il-5 ta' Ottobru tal-1798.[35]



*L-istatwa mwaqqfa f'wedgħa fi Triq is-Santwarju.*

32 Dwar l-iskultur Pietro Paolo Assopardi, ara E.F. Montanaro, *Pietro Paolo Azzopardi - A Forgotten Sculptor* fil-*Proceedings of History Week, 1981,* The Historical Society, Malta, 1982, p.61-75.

33 P.P. Castagna, *op. cit.*, p. 204. Fuq il-pedistall tal-istatwa fi Triq is-Santwarju, hemm skrizzjoni żgħira li tfakkar li nhar it-28 ta' Settembru 1801, l-Isqof Vincenzo Labini kien ikkonċeda 40 jum ta' Indulġelza lil kull min jgħid *Ave Maria "avanti quest'immagine di Maria Vergine Delle Grazzie".* Dan ifisser li l-istatwa fi Triq is-Santwarju kienet ġà lesta fis-sena 1801.

34 Achille Ferres, *Descrizione Storica Delle Chiese di Malta E Gozo,* 1866, p.483. Meta fakkar lil Mariano Gerada, il-kritiku tal-Arti Mario Buhagiar ukoll kellu kliem ta' tifħir għall-istatwa fi Triq is-Santwarju: "Għall-istess raħal ( Mariano Gerada) ħadem ukoll statwa tal-ġebel, il-ġmiel tagħha, li żgur li hija fost l-isbaħ xogħlijiet tiegħu" – ara Mario Buhagiar, *Mariano Gerada U L-Istatwa Ta' Santa Katerina* fil-*Programm Tal-Festa F'Ġieh Santa Katerina,* Żurrieq, 1982., p.8.

35 Karm Bonavia, *L-Istatwa Tal-Madonna Tal-Grazzja – Ħaż-Żabbar* fil-*Leħen is-Sewwa*, 11.9.1982. pp.5-12. F'dan l-artiklu, Karm Bonavia jgħarrafna li Mariano Gerada ħadem ukoll xi xogħlijiet oħra fl-injam għall-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar: "Mariano kien ilu midħla ta' Ħaż-Żabbar snin qabel ma ħadem l-istatwa tal-Madonna. Hu kien jiġi mqabbad jarma l-istatwa l-antika, ilibbisha u jara li ma jonqosha xejn għall-festa. Huwa lesta d-disinn u skolpixxa settijiet ta' kandlieri, fosthom dawk li jintramaw illum fuq l-artal ewlieni nhar il-festa u settijiet oħra għall-artali ż-żgħar. Tul l-aħħar Gwerra xi kandlieri xogħol ta' Gerada nqerdu għal kollox, iżda minn dak li fadal, issewwew u ngħabru xi settijiet".

# Statwi Oħra

L-Avukat Carmelo Testa jaghti deskrizzjoni tassew ħajja ta' din il-ġlieda mdemma li saret f'Ħaż-Żabbar.[36] Qabel ma jidħlu f'Ħaż-Żabbar, il-Franċiżi kellhom jisparaw bil-kanuni biex ixejnu l-qagħdiet tar-raħħala. Il-kampnar tal-Knisja kien ġie mġarraf kważi għal kollox u fil-koppla nfetħet toqba ġmielha, filwaqt li kif ġà għidna l-vara u t-tużell ġarrbu ħsarat.[37]

*'F'daqqa waħda'*, jikteb l-Avukat Testa, *'minn fuq il-bjut u mit-twieqi tad-djar u l-irziezet bdiet nieżla fuq il-Franċiżi xita ta' ġebel u anki tiri ta' l-ixkubetti. Fejn illum hemm l-istatwa tal-Madonna, ħdejn il-knisja parrokkjali, kien hemm moħbijin żewġ kanuni li fetħu n-nar ukoll fuq l-għadu...Kemm kienet imdemma l-ġlieda ta' Ħaż-Żabbar jidher mill-fatt li jumejn wara, fis-7 ta' Ottobru 1798, Vaubois ordna lil xi qassisin mill-Birġu biex imorru jidfnu l-katavri li kien hemm viċin is-swar...F'dan l-attakk mietu sitt Maltin u 32 oħra sfaw feruti. Il-Franċiżi tilfu 43 u 382 sfaw feruti...*[38]

F'dan id-dawl, il-ħidma artistika ta' Mariano Gerada għandha tifsira partikolari. Bix-xogħol ta' idejh, Gerada ferraħ lill-Maltin wara li dawn ġarrbu għadd ta' abbużi mill-għadu. Kien hu li irrestawra l-vara tal-Madonna tal-Grazzja wara li ġarrbet il-ħsarat tal-għadu. Imbagħad, naqqax l-istatwa fi Triq is-Santwarju, ġrajja li tiċċelebra esperjenzi nazzjonali u soċjali tassew glorjużi! Iżda fuq kollox, din l-istatwa tfakkarna fir-realtà kif tidher fit-tiġrib tal-ħajja ta' kuljum u għalhekk tiġbor fiha l-qalb anonima ta' pajjiż sħiħ. Tabilħaqq, l-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja fi Triq is-Santwarju hi waħda ta' interess storiku li jistħoqqilha tkun imħarsa sew.

## VARA TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU, SIĠĠIEWI (1803-1805)

Nhar it-23 ta' Jannar tal-1803 sar kuntratt quddiem in-Nutar Nicola Azzopardi, li bih Ignazio Camilleri, bħala Prokuratur tal-Altar tal-Madonna tar-Ružarju tas-Siġġiewi, ordna mingħand Mariano Gerada, vara tal-injam tal-Madonna tar-Ružarju, kif ukoll pedestall indurat għall-istess vara u l-lasti għar-reffiegħa tal-vara.[39]

Dan il-kuntratt jidher li hu l-aktar wieħed irfinat u dettaljat minn fost dawk il-kuntratti tas-Seklu Dsatax li jirregolaw kummissjonijiet għall-vari tal-purċissjonijiet, u għalhekk hu ta' importanza kbira għall-istudju tal-istorja tal-arti tal-iskultura ġewwa pajjiżna.

Il-vara tal-Madonna tar-Ružarju kellha tinħadem skond disinn li kellu f'idejh Mariano Gerada. Imma l-Kappillan tas-Siġġiewi kien diġà għarbel sew dan id-disinn għal aktar minn darba waħda (*'il disegno che s'è veduto e riveduto dal Molto Rev. Signor Parocho'*).[40]

Skond il-kuntratt, Gerada kellu jdaħħal is-somma globali ta' 550 skudi. Imma mbagħad, il-pattijiet tal-kuntratt kienu iebsin ħafna għal Gerada. Fuq kollox, il-vara tal-Madonna tar-Ružarju kellha tkun lesta minn kollox nhar l-24 ta' Settembru tal-istess sena, 1803. Fuq il-kuntratt, Gerada ġie mħallas is-somma ta' 200 skudi akkont tal-prezz.

Il-vara kellha tkun approvata minnn żewg periti tal-Arti, il-pittur Michele Busuttil u l-iskultur Giuseppe Casgha.[41] Gerada kellu jirċievi somma akkont ta' 200 skudi fil-Belt tal-Mdina, hekk kif il-vara tkun lesta għall-induratura u approvata mill-imsemmijin periti tal-Arti. Imbaghad, u hawnhekk niltaqgħu ma' patt tassew stramb, Gerada kellu jirċievi l-bilanċ final ta' 150 skudi f'perjodu ta' żmien mhux determinat wara l-konsenja tal-vara, jew nkella qabel il-konsenja tagħha, iżda dan kollu kellu jseħħ biss kemm-il darba l-Prokuratur ikun ir-nexxielu jiġbor is-somma meħtieġa għal dan il-ħlas finali mingħand in-nies tas-Siġġiewi.

Fl-aħħarnett, il-pittur Busuttil u l-iskultur Casgha kellhom jagħmlu stima globali tal-vara u l-pedestall tal-Madonna tar-Ružarju. F'każ li l-valur ta' din l-istima tal-periti kienet tlaħħaq aktar mis-somma miftiehma ta' 550 skudi, allura Gerada kellu jdaħħal biss 50 skudi aktar mis-somma miftiehma ta' 550 skudi. Imma jekk l-istma tal-periti ma kienetx twassal għas-somma ta' 550 skudi, allura f'dak il-każ il-Prokuratur kellu d-dritt li jirrifjuta l-konsenja tal-vara. Fi kliem ieħor, skond il-kuntratt, it-twettieq sħiħ tal-kummissjoni, u l-ħlas tal-prezz tal-vara, kienu jiddependu għal kollox fuq il-ġudizzju artistiku tal-periti Busuttil u Casgha.

Madankollu, il-kummissjoni tal-vara tal-Madonna tar-Ružarju, spiċċat b'wiċċ il-ġid għal kulħadd. Fit-30 ta' Settembru tal-1804, sar kuntratt quddiem in-Nutar Giorgio Magri, fejn l-iskultur Mastro Michele Scolaro mill-Belt Valleta, f'isem Mariano Gerada, irċieva mingħand il-Prokuratur Ignazio Camilleri s-somma ta' 150 skudi bħala ħlas tal-pedestall tal-vara tal-Madonna tar-Ružarju.[42] L-istess kuntratt jgħarrafna li Mariano Gerada nnifsu kien qabbad 'il Michele Scolaro jaħdem dan il-pedestall. Imma ġara li Michele Scolaro kien żied minn rajħ xi xogħol ta' skultura fuq dan il-pedestall, u żejjnu wkoll bil-fjuri jew *'ghirlande'*, u għalhekk l-partijiet ftehmu li Scolaro nnifsu kellu jirċievi 20 skud bħala kumpens għal dan ix-xogħol.

Fl-istess kuntratt li sar quddiem in-Nutar Giorgio Magri fl-1804, jingħad ukoll li Mariano Gerada kien għadu ma lestiex ix-xogħol fuq il-vara tal-Madonna tar-Ružarju. Aħna ma nafux x'kienet ir-raġuni għal dan id-dewmien Ix-xogħlijiet *dokumentati* ta' Mariano Gerada huma tassew ftit fin-numru. Imma għandna suspett li Gerada kien ikun mgħobbi bix-xogħol għaliex hu kien ta' sikwit jaħdem

36 Dr. Carmelo Testa, *Maż-Żewġ naħat Tas-Swar*, II, Malta, 1980, pp.309-312.
37 Saċerdot Giuseppe Zarb, *op. cit.*, p.16.
38 Dr. Carmelo Testa, *op. cit.*, pp.310-311
39 NAV, 549/8, 23/1/1803, f. 342v.
40 *Ibid.*
41 *Ibid.* Il-kliem eżatt tal-kuntratt hu dan *"...allorchè la stessa statua sarà portata per la detta doratura, ed approvata dalli Signori Michele Busuttil Pittore, e Giuseppe Casgha Scultore..."*
42 NAV, R325/13, 30/9/1804, f.73r. Achille Ferres kiteb dawn il-kliem sbieħ dwar l-inawgurazzjoni tal-vara tal-Madonna tar-Ružarju tas-Siġġiewi: *"La statua della B.V. del Rosario è opera insigne del nostro Mariano Gerada. La sua solenne traslazione fu fatta dalla chiesa filiale dell'Assunzione Ta Ciuerra alla Chiesa parrocchiale li 13 ottobre 1805"* (*op, cit.*, p. 402)

kummissjonijiet żgħar ġewwa djar u knejjes ta' pajjiżna. Kien x'kien, l-istoriku Catagna jgħarrafna li Gerada fil-fatt lesta x-xogħol fuq il-vara tal-Madonna tar-Rużarju tas-Siġġiewi matul is-sena 1805.

## VARA TA' SANTA KATERINA, ŻURRIEQ (1803-1818)

Minn xogħol ta' riċerka li sar dan l-aħħar mill-istoriku Tony Mangion, sirna nafu li fis-26 ta' Ġunju tal-1803, sar kuntratt quddiem in-Nutar Pietro Paolo Farrugia li bih Mariano Gerada ntrabat li jaħdem vara tal-injam (*'di legno detto di arzino'*) li tirrappreżenta 'l Santa Katerina Verġni u Martri.[43] Kien il-Kappillan taż-Żurrieq, Don Gaetano Buttigieg, li ordna din il-vara mingħad Mariano Gerada fl-1803. Il-prezz ta' 700 skudi, miftiehem bejn il-partijiet fuq dan il-kuntratt, kien wieħed għali ġmielu għal dawk iż-żminijiet. Skond il-kuntratt, Mariano Gerada kellu jlesti l-vara ta' Santa Katerina sal-15 ta' Ottubru tal-1804. Imma ġara li qamet tilwima bejn Gerada u dawk li ikkummissjonaw din il-vara. B'xorti ħażina, għalhekk, il-kummissjoni damet żmien twil biex titwettaq, u fil-fatt il-vara ta' Santa Katerina ġiet inawgurata fil-Parroċċa taż-Żurrieq fl-24 ta' Novembru tas-sena 1818, jiġifieri ħmis-tax-il sena wara li ġiet ordnata.[44] Iżda dwar dan kollu sejjer jikteb fit-tul fil-ġejjieni l-istoriku Tony Mangion.

## EGĦEJJUN OĦRA

Egħejjun ta' tagħrif li għenu biex ifakkru xi xogħlijiet ta' Gerada, barra l-atti notarili, kienu l-kitba ta' Fortunato Panzavecchia u Pietru Pawl Castagna.

Il-Kanonku Fortunato Panzavecchia twieled l-Isla nhar il-11 ta' Awissu 1797 u miet l-Isla wkoll fl-24 ta' Diċembru 1850. Panzavecchia kien saċerdot ta' skola u tagħlim, u madwar l-1820 laħaq Segretarju tal-Università.[45] Panzavecchia tkellem dwar Mariano Gerada fil-manuskritt tiegħu Dizionario Enciclopedico, miżmum fl-Arkivju tal-Katidral tal-Mdina (A.C.M. Pan.79, f.161 r.-v.). Meta miet Mariano Gerada, Panzavecchia kellu madwar 25 sena, u kien jabita l-Isla, viċin ħafna l-ħanut tax-xogħol tal-iskultur Gerada. Imma fuq kollox, Panzavecchia mhux biss għex fi żmien Gerada, imma laħaq ra b'għajnejh ix-xogħlijiet ewlenin ta' Gerada, hekk kif dawn ħarġu minn taħt idejn l-iskultur wara li ġie lura Malta minn Spanja. Dan kollu jfisser li l-kitba ta' Panzavecchia dwar Mariano Gerada għandha valur storiku ta' siwi kbir.

L-istoriku Pietru Pawl Castagna twieled Bormla fis-6 ta' Ġunju 1827, u miet Bormla wkoll, fid-dar tiegħu no. 67 Strada Santa Margherita, nhar it-13 ta' April 1907.[46] Dan ifisser li Castagna ma kienx kontemporanju eżatt ta' Gerada. Min-naħa l-oħra, Castagna għex fl-istess belt fejn Gerada wettaq il-ħidma artistika tiegħu, u seta' jitkellem ma' nies li kienu jiftakru sew lil Gerada u x-xogħol li kien wettaq. Għaldaqstant, il-lista tax-xogħlijiet ta' Gerada li jagħtina Castagna fiż-żewġ edizzjonijiet tiegħu ta' *Lis Storja ta Malta*, għandha wkoll ċertu siwi storiku.



*Il-Vara wara l-aħħar restawr.*

Xieraq għalhekk li hawnhekk inġibu xi ħaġa dwar dak li qalu Panzavecchia u Castagna dwar ix-xogholijiet ta' Mariano Gerada.

Panzavecchia jibda biex jgħid li Mariano Gerada hu l-awtur tal-vara tal-injam tal-Kunċizzjoni li llum tinsab fis-sagristija tal-Bażilika ta' l-Isla. Skond Achille Ferres, imbagħad, it-transulazzjoni solleni ta' din il-vara tal-Kunċizzjoni saret mill-Knisja ta' San Filippu nhar is-6 ta' Diċembru 1804.[47]

Xogħol ieħor ta' Mariano Gerada li jsemmi Panzavecchia, hi l-vara tal-injam ta' Santa Marija ta' Ħal-Għaxaq. Jingħad li din il-vara ta' Santa Marija kien ordnaha ċertu Gio Maria Farrugia minn Ħal-Għaxaq fis-sena 1808, u li mbagħad dan Farrugia kienikkonsenja din il-vara b'donazzjoni lill-Knisja parrokkjali ta' Ħal-Għaxaq

---

43 NAV, 819/4, 26/6/1803, f.425v. Tagħrif ġentilment mogħti mill-istoriku Tony Mangion.
44 Ara Achille Ferres, *op. cit.*, p. 385.
45 Dwar il-Kanonku Fortunato Panzavecchia, ara A. Cremona, *Mikiel Anton Vassalli*, Malta, 1975, pp.3, 11, 18, 77.
46 Ara Public Registry, Valletta, Att tal-Mewt No.1391/1907.
47 Achille Ferres, *op. cit.*, p.249.

fis-sena 1812; iżda dwar din il-ġrajja ma rnexxilniex nsibu ebda dokumentazzjoni.

## ŻMIEN TA' TAQLIB SOĊJALI

X'aktarx li l-aktar informazzjoni interessanti li jagħtina Panzavecchia hi dik fejn jgħid li Mariano Gerada hu l-awtur tal-Iljun u ż-Żiemel (*Leon Cervo*) fuq il-funtani ta' ħdejn il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, li skond Castagna mbagħad nħadmu fil-ġebla Maltija minn Gerada matul is-sena 1820. Panzavecchia jżid jgħid li Mariano Gerada ħadem ukoll l-arma tal-familja rjali Ingliża *'sulla porta della Valletta'.* Dawn il-kummissjonijiet huma tassew sinifikativi, u għandhom it-tifsira partikolari tagħhom. Il-ħajja ta' Mariano Gerada tinfirex matul perjodu ta' żmien li safa kruċjali għall-iżvilupp ta' l-istorja moderna ta' gżiritna. Gerada ra ħutu l-Maltin impenjati b'konvinzjoni fanatika fit-taqbida nazzjonali għall-ħelsien sħiħ tal-patrija mill-ħakma tal-

*Il-Bambin wara l-aħħar restawr.*



Franċiżi. Imbagħad, matul l-aħħar għoxrin sena ta' ħajtu, Gerada safa xhud tal-isforzi ħerqana ta' l-Ingliżi sabiex jagħmlu minn gżiritna kolonja qawwija u l-fortizza ewlenija tagħhom fil-Mediterran. U Gerada nnifsu, permezz tal-ħidma artistika tiegħu, kien protagonist f'din il-ġrajja ġdida li bdiet isseħħ fil-pajjiż fil-bidu tas-seklu dsatax.

Panzavecchia jgħarrafna li Mariano Gerada ħadem fl-ijam il-fonti battesimali tal-Parroċċa ta' Bormla, li jirrappreżenta 'l San Ġwann Battista qiegħed jgħammed 'l Kristu. U fil-manuskritt ta' Panzavecchia naqraw ukoll li Gerada ħadem fl-injam il-vara ta' San Mikiel meqjuma fil-Parroċċa ta' Bormla. Castagna mbagħad jagħti d-datazzjoni ta' dawn iż-żewġ opri ta' Gerada: il-fonti battesimali inħadem fis-sena 1814, filwaqt li l-vara ta' San Mikiel tlestiet fl-1819.

Mariano Gerada għex fi żmien ta' taqlib politku kbir għall-gżejjer Maltin. L-intervall ta' iżjed minn 20 sena bejn l-ewwel xogħol dokumentat tiegħu u mewtu ġewwa Bormla, ġieb li l-Kavalieri ta' San Ġwann kienu spiċċaw minn Malta, il-Franċiżi okkupaw Malta u kellhom jitilquha, u fl-aħħar Malta ġiet taħt l-ingilterra. Fost ħwejjeġ oħra, dan it-taqlib kbir qanal bosta tilwim u inkwiet f'dak li kellu x'jaqsam ma' ħlas ta' kreditu u dejn, speċjalment fejn kien hemm imdaħħal il-Gvern ta' gżiritna. Mariano Gerada kien ħadem pulena għall-ġifen li kellu l-isem ta' *San Giovanni.* Biex jikseb il-ħlas tal-prezz ta' din il-pulena, Gerada kellu jitlob l-għajnuna ta' Sir Joseph Nicholas Zammit (*Zamitelo*). U bħala kumpens għal din l-għajnuna, Gerada ta Kurċifiss li ħadem hu nnifsu lil dan Zamitelo. Ir-rakkont ta' din il-ġrajja nsibuh fil-manuskritt ta' Panzavecchia.[48]

Milli jidher, meta tkellem dwar l-opri ta' Mariano Gerada, P.P. Castagna x'aktarx mexa fuq dak li kien kiteb qablu Panzavecchia. Imma mbagħad Castagna żied id-datazzjoni tal-kummissjonijiet ta' Gerada. Madankollu, Castagna jagħtina wkoll xi ħaġa minn tiegħu dwar ix-xogħlijiet ta' Gerada. Ngħidu aħna, Castagna jgħarrafna li Mariano Gerada ħadem fil-ġebla Malitja l-istatwa ta' Santa Katerina li llum tinsab fil-pjazza ma' ġemb il-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq. Achille Ferres iżid li l-ispejjeż ta' din l-istatwa ħallashom ċertu Giuseppe Cassar miż-Żurrieq, u li l-istess statwa ta' Santa Katerina fil-pjaza taż-Żurrieq ġiet imbierka mid-delegat tal-Kappillan, Don Stefano Zerafa nhar id-29 ta' Ottubru 1814.[49]

Kemm P.P. Castagna kif ukoll Achille Ferres kitbu li Mariano Gerada hu l-awtur ta' mezzobust fl-injam, xbieha ta' *Ecce Homo*, meqjum fil-Knisja Parrokkjali tal-Għarb, f'Għawdex. F'Għawdex ukoll, il-vara ta' Sant'Elija Profeta, illum meqjuma fil-Knisja Parrokkjali tax-Xewkija, dejjem ġiet attribwita lil Mariano Gerada.[50]

Il-kumment ġenerali ta' P.P. Castagna li Mariano Gerada ħadem ukoll "bosta puleni u opri oħra", tagħtina

48 ACM, *Pan 79 Dizionario Enciclopedico,* f.161r.
49 Achille Ferres, *op. cit.,* p.387.
50 Ara Patri Serafin Borg, O.S.A. *Ix-Xewkija Fi Ġrajjiet il-Kappillani u l-Arċipriete Tagħħa,* 1978, p.86.

x'nifhmu li bosta kummissjonijiet ta' Gerada għadhom moħbijin fl-arkivji ta' gżiritna, iżda l-verità dwarhom tista' tiċċara fil-ġejjieni.

Xieraq li ngħidu wkoll li Achille Ferres kien ammiratur kbir tal-opri ta' Mariano Gerada, u qatt ma naqas li jsemmihom fil-ktieb tiegħu *Descrizione Storica Delle Chiese Di Malta e Gozo* (1866). Ferres kien mill-Isla, u kien imsaħħar wara l-vara tal-Kunċizzjoni li kien ħadem Gerada fl-1804. Tabilħaqq, Ferres kiteb li din il-vara hi *"eccelente opera in legno di Mariano Gerada".*

## XOGĦOL MIBDI IMMA MHUX MITMUM

Id-dokumentazzjoni kontemporanja turina b'mod ċar li sat-30 ta' Ġunju tal-1822, Mariano Gerada kien għadu f'siktu u mehdi fix-xogħol tiegħu ta' skultur. Imma f'daqqa waħda u b'ħeffa ta' berqa, hu ntrikeb minn dik il-marda li diġà tkellimna dwarha. Ġara għalhekk li meta miet fis-sena 1823, Mariano Gerada ħalla warajh bosta xogħol mibdi iżda mhux mitmum. B'kuntratt li sar iż-Żurrieq fit-30 ta' Ġunju, 1822, quddiem in-Nutar Pietro Paolo Farrugia, Mariano Gerada ntrabat li jaħdem fl-injam vara tal-Patrijarka San Ġużepp, skond mudell jew *bozzetto* li Gerada nnifsu kien ta' lill-Kappillan taż-Żurrieq, Don Carlo Degiovanni Inglott.[51] F'dan il-kuntratt naqraw li l-Kappillan taż-Żurrieq kien ordna din il-vara ta' San Ġużepp mingħand Gerada, fil-kwalità tiegħu ta' prokuratur tas-saċerdot Don Giuseppe Spiteri miż-Żurrieq.

Skond il-kuntratt, Mariano Gerada u l-kappillan taż–Żurrieq ftehmu fuq il-prezz ta' 500 skud għall-vara ta' San Ġużepp, liema prezz kellu jinkludi l-ispejjeż tax-xogħol kollu li ndaħal għalih Gerada, *"cioè di scoltura, pittura, indoratura, pradella, pedestallo, aste, ed altro,che richiede tale statua".* L-injam tal-vara kellu jkun dak hekk imsejjaħ *"legno di ponente"*, u l-vara kellha tkun lesta minn kollox għall-festa ta' San Ġużepp li kienet se tiġi ċelebrata fis-sena 1823.

Ġara li Mariano Gerada miet fl-24 ta' Jannar 1823, u ma kienx laħaq lesta l-vara a' San Ġużepp taż-Żurrieq. Għalhekk, fit-13 ta' April 1823, sar kuntratt ieħor quddiem l-istess Nutar Pietro Paolo Farrugia, li bis-saħħa tiegħu l-Kappillan taż-Żurrieq u Antonio Gerada, bħala prelegatarju tal-mejjet zijuh Mariano, laħqu ftehim dwar il-pendenzi ta' din il-kummissjoni.[52] Dan it-tieni kuntratt igħid ċar u tond li Mariano Gerada kien beda jaħdem fuq il-vara ta' San Ġużepp imma ma kienx lesta l-vara: *"ed ecco tale statua rimase principta, e non perfezionata".* Il-Kappillan taż-Żurrieq ħallas is-somma ta' 20 skud lil Antonio Gerada bħala kumpens tax-xogħol li kien laħaq għamel Mariano Gerada fuq il-vara ta' San Ġużepp qabel mewtu. Imma min-naħa tiegħu, Antonio Gerada żamm id-dritt ta' proprjetà fuq l-injam li kien beda jaħdem fuqu Mariano sabiex ilesti l-vara ta' San Ġużepp: *"con questo però, che le legna di tale statua imperfetta s'intende d'esser sepre di proprietà d'esso Signor Antonio".*

P.P.Castagna jgħarrafna li l-vara ta' San Ġużepp li



*Wiċċ il-Madonna wara l-aħħar restawr.*

llum tinsab meqjuma fl-Oratorju tal-Knisja Parokkjali taż-Żurrieq, ħadimha fl-injam l-iskultur Vincenzo Dimech fis-sena 1825. Imma aħna ma nafux jekk Vincenzo Dimech kompliex ix-xogħol fuq il-vara ta' San Ġużepp li kien beda jaħdem Gerada, jew nkella ħadimx vara ġdida għal kollox.

Matul is-sena 1822, Mariano Gerada kien beda jaħdem fuq statwa tal-ġebel ta' San Rokku, li kellha titqiegħed fil-pjazza ħdejn il-Knisja Parrokjali tal-Qrendi. Achille Ferres jgħarrafna li meta miet Gerada fl-1823, din l-istatwa ta' San Rokku tlestiet mill-alliev tiegħu, l-iskultur Pietro Paolo Azzopardi.[53]

## ANTONIO GERADA (1803-1877)

Jekk kien hemm bniedem li kien jaf kważi kollox dwar il-

51 NAV, 819/23, 30/6/1822, f.299r.
52 NAV, 819/24, 13/4/1823, f.235v. Imma għalkemm Mariano Gerada kien miet, fiż-Żurrieq xorta waħda saret vara ta' San Ġużepp. Dwar dan, Achille Ferres kiteb hekk: *"La statua potatile di San Giuseppe è pure bell'opera in legno di Vincenzo Dimech, fatta a spese del Sac. Don Giuseppe Spiteri. La solenne traslazione di questa statua fu fatta il14 marzo 1824"*(*op. cit.*, p. 385).
53 Achille Ferres, *op. cit.*, p. 490.

# Rabtiet oħra ma' Ħaż-Żabbar

karattru u l-ħidma artistika ta' Mariano Gerada, dan kien żgur in-neputi tiegħu , Antonio Gerada. Ngħidu għaliex.

Fit-Testment ta' Mariano Gerada naqraw li dan neputih kien ilu żmien idur bih (*"l'assistenza e servitù che il Sig. Antonio Gerada prelegatario ha da lungo tempo prestato, e che presterà fino alla morte di esso Testatore"*). Kien ukoll dan Antonio Gerada li kellu f'idejh l-amministrazzjoni tal-wirt ta' zijuh Mariano, u li għalhekk ġabar xi flus dovuti lil zijuh għal xi xogħlijiet li Mariano kien beda, iżda ma laħaqx lesta fil-ġurnata ta' mewtu. Fuq kollox, lil dan Antonio Gerada, Mariano kien ħalla b'legat dawk il-ħwejjeġ li kien jgħożż l-aktar, l-għodda tiegħu tal-iskultura u l-mudelli tal-opri tiegħu: *"stigli di mestiere da scultore, legnami, modelli, figure e tutt'altro..."*[54]

Dan kollu jurina li Antonio Gerada sata' mela ħafna vojt tal-ħajja ħabrieka ta' zijuh Mariano. Imma Antonio Gerada għażel li jibqa' sieket dwar dak kollu li kellu x'jaqsam ma' l-iskutur Mariano. Madankollu, bis-saħħa taż-żwieġ tiegħu, Antonio Gerada spiċċa biex kellu xi rabtiet ma' Ħaż-Żabbar, u għalhekk xieraq li nkunu nafu xi ħaġa dwar dan il-persunaġġ.

Antonio Gerada, bin Giuseppe (ħu Mariano) u Anna *nee* Spiteri, twieled Bormla fit-12 ta' Novembru 1803.[55] Nhar l-4 ta' Awissu 1822, kien iżżewweġ lil Balthassara magħrufa wkoll bħala Zenobia Ellul, fil-Knisja ta' San Pawl ta' Bormla. Is-saċerdot fir-rit ta' dan iż–żwieġ kien il-Kappillan ta' Ħaż-Żabbar, Don Balthassar Cassar, li kien jiġi ħu omm l-għarusa, Marianna Cassar.[56]

Il-fehma tagħna kienet li dan in-neputi ta' Mariano, Antonio Gerada, kien skultur ukoll, u hekk ktibna band'oħra. Imma minn xi atti notarili li ġà semmejna, sirna nafu l-verità sħiħa dwar l-identità tiegħu u għalhekk issa sejrin nikkoreġu il-kitba tagħna ta' l-imgħoddi.

Tabilħaqq Antonio Gerada kien negozjant tal-kotba. Għalkemm kien igħix Bormla, kien imexxi n-negozju fil-ħanut jew librerija tiegħu, no. 65 Strada San Paolo, il-Belt Valletta.[57] Fil-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Jannar 1837, dan Antonio Gerada kien avża li kien sejjer jiftaħ *"gabinetto di lettura"*, jew *reading room* fl-indirizz no. 119 Strada Santa Teresa, Cospicua, u stieden 'l dawk li xtaqu jidħlu membri f'dan il-"każin tal-qari" sabiex imorru f'dak l-istess indirizz.[58]

Il-ħajja ta' dan in-neputi ta' Mariano Gerada kienet tabilħaqq marbuta kollha kemm hi mal-kotba u l-ġurnali. Fost ħwejjeġ oħra, fil-ħanut tiegħu kien ibiegħ il-ġurnal *Il Cospicuano*. Fl-24 ta' Novembru tal-1842, saret kawża ta' libell kontra *il Cospicuano* u kontra Antonio Gerada bħala bejjiegħ tal-istess ġurnal. Il-Qorti Kriminali iddeċidiet li l-artiklu li dwaru saret il-kawża, kien libelluż u kkundnnat lil Antonio Gerada jħalla multa ta' 10 skudi *"siccome nella sua qualità di libraio gli si attribuiva perizia ed intelligenza"*.[59] Imma dan qed ngħiduh biex nuru li Antonio Gerada kien bniedem ta' skola, u li kellu l-kwalitajiet kollha sabiex iwasslilna xi informazzjoni bil-kitba dwar il-ħajja ta' zijuh, Mariano Gerada.

Nhar it-22 ta' Settembru 1876, Antonio Gerada, in-neputi ta' Mariano Gerada, deher fuq kuntratt ta' bidla u assenja lil Antonio Grech Scicluna il-mezzanin no. 22 fi Piazza Mercato, Ħal-Tarxien. Min-naħa tiegħu, Grech Scicluna ttrasferixxa lil Antonio Gerada il-fond no. 26 fil-*"Piazza Maggiiore della Parrochiale Chiesa della terra Zejtun"*.[60] Iżda hawnhekk ta' min igħid li fuq dan il-kuntratt ta' bidla, Grech Scicluna kien qed jidher bħala Prokuratur tal-eredi ta' Giuseppe Antonio Caruana Montibello u xi Maltin oħra li kienu lkoll jabitaw f'Sagunto, belt ta' Valencia, fi Spanja. Tabilħaqq, il-Prokura għal dan il-kuntratt ġiet imfassla min-Nutar Francesco Torrejon Lorente, li kien membru tal-Kulleġġ Nutarili ta' Valencia.[61]

Dan il-kuntratt tal-1876 jerġa' jtella' fil-wiċċ l-egħruq sħaħ li l-familja tal-iskultur Gerada kellha fir-raħal ta' Ħal-Tarxien. Ifakkarna wkoll, għalkemm indirettament, fil-kitba ta' Panzavecchia fejn jingħad li Gerada tgħallem is-sengħa ta' l-iskultura ġewwa Valencia. U fuq kollox jurina li l-aktar qarib viċin ta' Mariano Gerada, baqa' jkollu xi rabtiet ma' Maltin emigranti fi Spanja.

Antonio Gerada miet fl-24 ta' Marzu 1877, fid-dar tiegħu, no. 43 Strada Nuova, Cospicua. L-Att tal-Mewt, miżmum fir-Reġistru Pubbliku, jgħid li kien negozjant, u li ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar.[62] Imbagħad, ir-reġistru tal-Imwiet ta' Bormla jgħarrafna li




*Firem ta' Mariano Gerada mill-kuntratti għall-vari (a) tal-Madonna tar-Rużarju tas-Siġġiewi (23/1/1803); (b) Santa Katerina taż-Żurrieq (30/6/1803); (ċ) San Ġużepp taż-Żurrieq (30/6/1822) u (d) mit-testment tiegħu nhar il-15 ta' Jannar 1823 fejn jidher biċ-ċar li bilkemm kien għad fadallu forza jiffirma ismu.*

---

54 NAV, 1032/7, 15/1/1823, f.18r.
55 APB, *Bapt.*, XI, f.231r.
56 Arkivju Parrokkjali San Pawl Nawfragu, Valletta, *Conj.*, XIII, p. 524. Balthassara Ellul kienet tagħmel parti mill-Parroċċa ta' San Pawl tal-Belt Valletta, u għalhekk iż–żwieġ tagħha ma' Antonio Gerada sar fil-Knisja ta' San Pawl ta' Bormla, wara li ngħata l-permess neċessrju mill-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta.
57 Ara NAV, 1072/37, 6/3/1877, f.181r.
58 Ara *Malta Government Gazzette*, 25/1/1837, p.31.
59 Ara *Il Cospicuano*, Settembre 1842, pp.79-80.
60 NAV, 1072/36, 22/9/ 1876, f.1015r.
61 *Ibid.*
62 Ara Public Registry, Valletta, Att tal-Mewt No. 650/1877.

# Kontribut Kbir għall-Arti





*L-Artal Maġġur imżejjen għall-festa u armat bil-kandlieri skolpiti minn Mariano Gerada.*

Antonio Gerada tabilħaqq ndifen fil-qabar tal-familja tiegħu (*"in familiæ sepultura"*) fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar.[63] U b'hekk ġara li bosta informazzjoni dwar il-ġrajjiet ewlenin fil-ħajja tal-iskultur Mariano Gerada, ndifnet ma' neputih Antonio Gerada, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar.

## EGĦLUQ

Għal dak li jirrigwardja l-personalità, il-karattru u l-ġrajja umana tiegħu, l-iskultur Mariano Gerada baqa' personaġġ daqsxejn misterjuż. Is-skiet kontinwu ta' l-istoriċi tagħna dwaru, ġab miegħu li 'l Gerada nistgħu nafuh biss superfiċjalment. Min-naħa l-oħra, il-fama popolari tiegħu fil-qasam tal-iskultura ma naqset qatt fi gżiritna. Hu kien ammirat f'ħajtu, u għadu jkun mfaħħar sa fi żmienna.

Ħadd ma jista' jiċħad li Mariano Gerada għandu post importanti fl-istorja tal-iskultura ta' gżiritna. Minn dak kollu li għedna jidher ċar li bosta xogħlijiet tiegħu jistgħu jitqiesu bħala mera tal-qagħda storika ta' gżiritna matul perjodu ta' żmien li ġab miegħu taqlib kbir politiku u soċjali.

Imma mbagħad Mariano Gerada ta kontrinbut mhux ċkejken għat-tkattir u t-tixrid tal-iskultura fl-injam ġewwa gżiritna. Hu kien tabilħaqq imgħallem ewlieni jew aħjar *capo scuola* fil-qasam tal-iskultura. Mill -*Istorja Ta' Malta* li kiteb Castagna, sirna nafu li hu rawwem madwaru tliet allievi li mbagħad matul it-Tletinijiet u l-Erbgħinijiet tas-seklu dsatax, saru l-protagonisti veri tax-xena skultorja ta' gżiritna. Dawn l-allievi kienu Alessandro Farrugia, Pietro Paolo Azzopardi u Salvatore Psaila. Fost dawn l-allievi, l-aktar wieħed li jidher li baqa' fidil lejn Mariano Gerada, kien l-iskultur Pietro Paolo Azzopardi. Meta miet Gerada, kien dan Azzopardi li lesta xi xoghlijiet ta' skultura mibdijin minn Gerada. U dan x'aktarx għaliex l-iskultur P.P. Azzopardi kien jghix u jaħdem ġewwa Bormla, meta Gerada ntlaqat mill-marda li xeħtitu f'qiegħ ta' sodda. Imma jibda' l-fatt li meta miet Mariano Gerada, it-tħabrik u l-ispirazzjoni tal-ħidma artistika tiegħu, ma ndifnux miegħu ġewwa qabru.

63 APB, *Def.*, XII, f.264r. Balthassera sive Zenobia Gerada, mart in-neputi ta' Mariano Gerada, mietet ġewwa Bormla fit-28 ta' Diċembru 1883, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar – ara APB *Def.*, XIII, f.47v. Id-dokumentazzjoni ta' din id-difna ta' Balthassera Gerada hi tabilħaqq xhieda ta' l-aħħar rabtiet li l-qraba l-aktar viċini tal-iskultur Mariano Gerada, kellhom mar-raħal ta' Ħaż-Żabbar.

L-AWTUR

In-Nutar Eugene F. Montanaro LL.D ilu għal bosta snin jistudja u jagħmel riċerka dwar artisti Maltin. Dan l-artiklu dwar Mariano Gerada hu frott ta' studju twil u tiftix bir-reqqa tista' tgħid f'kull artkivju f'Malta u Għawdex.

In-Nutar Montanaro għamel ħiltu kollha biex forsi jirnexxilu jsib iżjed tagħrif dwar Gerada u Ħaż-Żabbar. Nittamaw li fil-ġejjieni jirnexxilu jżid ma' dan it-tagħrif interesstanti.

In-Nutar Montanaro kiteb bosta studji storiko-artistiċi fosthom fuq Francesco Zahra, Pietru Pawl Azzopardi u oħrajn.

Minn qalbna nIżżuh ħajr.

Direzzjoni
*Leħen is-Santwarju.*

# Statwa u Pedistal



L-Istatwa tal-Madonna tal-Grazzja fuq il-pedistal oriġinali maħdum minn Mariano Gerada. L-Istatwa tidher kif induraha Pietro Paolo Azzopardi fl-1825. Ritratt ta' madwar 90 sena ilu.